Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,299, 9 ta' Awwissu, 2024
Taqsima B

A.L. 189 tal-2024

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI (KAP. 117)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, il-Ministru responsabbli għall-kummerċ għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 117.39.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (2) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jirregolaw it-twaqqif tas-sistema għas-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli u r-rikonoxximent u r-reġistrazzjoni ta' fornituri ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli u ta' kwalunkwe kwistjonijiet anċillari skont ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008, u r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013, kif it-tnejn fis-seħħ minn żmien għal żmien.".

Verżjoni Elettronika

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tifsira "awtorità kompetenti" tiegħu, il-kliem "u l-affarijiet rurali" għandhom jiġu mħassra;

(b) fit-tifsira "il-Bord" tiegħu, il-kliem "ta' Reġistrazzjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ta' Rikonoxximent";

(ċ) fit-tifsira "kwistjoni ewlenija" tiegħu, minnufih wara l-kliem "1306/2013" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "u l-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115, kif fis-seħħ minn żmien għal żmien";

(d) minnufih wara t-tifsira "ir-Reġistratur" tiegħu għandhom jiġu miżjuda t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "reġistru" tfisser il-lista tal-entitajiet rikonoxxuti li għandha tkun pubblika u li għandha tinkludi l-informazzjoni elenkata fir-regolament 6(1);

"Regolamenti" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008, u r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013, kif fis-seħħ minn żmien għal żmien;"; u

(e) it-tifsira "ir-Regolament" tiegħu għandha tiġi mħassra.

Jissostitwixxi r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Awtorità kompetenti.

3. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-awtorità kompetenti għandha tkun l-Aġenzija għall-Pagament kif imwaqqfa bir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar l-Aġenzija għall-Pagamenti.".

L.S. 146.03.

Verżjoni Elettronika

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita b'din nota marġinali ġdida li ġejja:

"Bord ta' Rikonoxximent tas-Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli.";

(b) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Għandu jkun hemm bord li għandu jkun magħruf bħala l-Bord ta' Rikonoxximent tas-Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli.";

(ċ) minnufih wara s-subregolament (1) tiegħu, kif sostitwit, għandhom jiġu miżjuda dawn is-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(1A) Il-membri tal-Bord għandhom jiġu maħtura mis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-agrikoltura.

(1B) Il-Bord għandu jkun magħmul minn ħames (5) membri li jkunu rappreżentanti tal-Ministeru responsabbli għall-agrikoltura, u wieħed (1) minnhom għandu jiġi maħtur bħala President.

(1Ċ) Is-segretarju tal-Bord għandu jiġi maħtur mill-Kap tal-awtorità kompetenti.";

(d) fil-verżjoni bl-Ingliż biss, fis-subregolament (3) tiegħu, il-kelma "registration" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "recognition";

(e) fil-verżjoni bl-Ingliż biss, fis-subregolament (5) tiegħu, il-kelma "who" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "that";

(f) fis-subregolament (6) tiegħu, il-kliem "raġuni ġustifikata" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "ġustifikazzjoni"; u

(g) fil-proviso għas-subregolament (7) tiegħu, minnufih wara l-kliem "sottomessa mill-applikant" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "għas-sodisfazzjon tal-Bord".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "reġistrazzjoni" u "reġistrazzjonijiet", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "rikonoxximent" u "rikonoxximenti"

Verżjoni Elettronika

rispettivament.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-verżjoni bl-Ingliż biss, fil-paragrafu (a) tiegħu, il-kelma "recognized" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "recognised";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, il-kliem "u konsekuttiv" għandhom jiġu mħassra; u

(iii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, il-kelma "reġistrazzjoni" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "rikonoxximent"; u

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, il-kelma "reġistrati" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "rikonoxxuti".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

8. Fir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, il-kelma "reġistrati" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "rikonoxxuti".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

9. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "f'wieħed mill-oqsma jew sotto oqsma stabbilit fi Skeda I" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kif provdut fir-Regolamenti";

(b) fil-verżjoni bl-Ingliż biss, fis-subregolament (2) tiegħu, il-kelma "recognized" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "recognised"; u

(ċ) fis-subregolament (3) tiegħu, il-kelma "reġistrazzjoni" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "rikonoxximent".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

10. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Fornituri Rikonoxxuti ta' Servizzi Konsultattivi

Verżjoni Elettronika

għall-Azjendi Agrikoli għandhom jipprovdu servizzi konsultattivi lill-bdiewa jew l-operaturi fis-setturi agrikoli fl-oqsma stabbiliti fir-Regolamenti."; u

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Il-Bord għandu jirrikonoxxi servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli li jipprovdu konsulenzi fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008**,** u l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013, kif fis-seħħ minn żmien għal żmien.".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

11. Fil-paragrafu (d) tas-subregolament (1) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali, il-kelma "annwali" għandha tiġi mħassra.

Jissostitwixxi r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

12. Ir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Servizzi konsultattivi fuq il-kundizzjonalità.

11. (1) Il-Bord ma għandux jaċċetta applikazzjonijiet għall-forniment ta' servizzi konsultattivi relatati mar-regoli dwar il-kundizzjonalità sakemm ir-rekwiżiti u l-istandards kollha għall-kwistjonijiet ewlenin li għalihom ssir l-applikazzjoni ma jiġux forniti b'mod eżawrjenti skont ir-Regolamenti.

(2) Id-deċiżjoni tal-Bord għandha tkun ibbażata fuq ir-regoli dwar il-kundizzjonalità skont ir-Regolamenti:

Iżda l-Bord għandu jkun sodisfatt li l-benefiċjarji għandhomjirċievu konsulenza eżawrjenti fuq il-kwistjonijiet ewlenin speċifiċi li ssir referenza għalihom fir-Regolamenti.".

Verżjoni Elettronika

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

13. Ir-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, il-kliem "tar-rikonoxximent" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tar-rikonoxximent, sakemm dawk l-individwi ma jkunux uffiċjali pubbliċi";

(ii) fil-paragrafu (d) tiegħu, il-kliem "sotto-oqsma konsultattivi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sottoqsma konsultattivi, kif stabbiliti fir-Regolamenti,"; u

(iii) fil-paragrafu (g) tiegħu l-kliem "elenkati fl-Iskeda I" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "stabbiliti fir-Regolamenti"; u

(b) fis-subregolament (3) tiegħu, il-kelma "reġistrat" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "rikonoxxut".

Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

14. Fir-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "kemm dawk taħt kuntratt ta' impjieg kif ukoll dawk taħt kuntratt ta' servizz" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem ", kemm dawk taħt kuntratt ta' impjieg kif ukoll dawk taħt kuntratt ta' servizz,".

Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

15. Ir-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (d) tas-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "ta' reġistrazzjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tar-rikonoxximent"; u

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Iċ-ċertifikati li jinħarġu lill-fornituri ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli rikonoxxuti għandhom ikunu validi għal ħames (5) snin mid-data tar-rikonoxximent u jistgħu jiġi mġedda permezz ta' talba uffiċjali magħmula bil-miktub mill-istess fornituri ta' servizzi.".

Jemenda r-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali.

16. Ir-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-verżjoni bl-Ingliż biss, il-kelma "Recognized" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "Recognised"; u

Verżjoni Elettronika

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, il-kelma "reġistrazzjoni" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "riknoxximent".

Jemenda r-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali.

17. Fil-verżjoni bl-Ingliż biss tar-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali, il-kelma "recognized" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "recognised".

Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

18. Fir-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali, il-kelma "operaturi" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "operat".

Jissostitwixxi r-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali.

19. Ir-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Protezzjoni tad-data.

22. (1) Il-fornituri ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandhom iqisu l-informazzjoni kollha miksuba waqt l-attività konsultattiva bħala strettament kunfidenzjali u kwalunkwe data personali li tali fornituri ta' servizzi jistgħu jipproċessaw għandha tikkonforma bis-sħiħ mal-prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' data personali skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

(2) L-obbligi msemmija fis-subregolament (1) għandhom ikomplu japplikaw fil-każ li l-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jitlef ir-rikonoxximent jew jiġi mneħħi mir-reġistru:

Iżda kwalunkwe data personali li tkun qed tiġi pproċessata u li ma tkunx għadha meħtieġa għandha titħassar mill-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli mingħajr dewmien żejjed.".

Jemenda r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.

20. Ir-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "reġistrati", "irreġistrat" u "reġistrat", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "rinoxxuti", "rikonoxxut" u "rikonoxxut" rispettivament;

(b) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "Diċembru ta' kull sena" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Jannar tas-sena ta' wara,"; u

Verżjoni Elettronika

(ii) il-kliem "fit-tnax-il xahar (12)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fis-sena kalendarja".

Jemenda r-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali.

21. Fir-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "reġistrat" u "reġistrazzjoni", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "rikonoxxut" u "riknoxximent" rispettivament.

Iħassar l-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

22. L-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi mħassra.

Jemenda l-Iskeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

23. Fl-Iskeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali, il-kliem "Reġistrazzjoni" u "reġistrazzjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Rikonoxximent" u "rikonoxximent" rispettivament.